MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2004

Appell Civili Numru. 1113/2001/1

**Edwin Vella**

**vs**

**Joanna Briffa**

**Il-Qorti,**

Fil-5 ta’ Mejju, 2003 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ Lm844.00 (tmin mija u erba u erbghin lira Maltin) oltre imghaxijiet legali, rapprezentanti bilanc ta’ somma akbar ghal xoghlijiet naxxenti minn

kuntratt ta’ appalt bejn l-attur u l-konvenut, liema xoghlijiet gew ezegwiti u kompluti fil-fond tal-konvenuta f’Gunju 2001.

Bl-ispejjez, inkluzi dik ta’ l-ittra ufficjali tad-19 ta’ Settembru 2001 u tal-mandat ta’ Sekwestru li gie prezentat ma’ din il-kawza. Il-konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta fejn eccepiet:-

1. Illi hija nkarigat lill-attur biex jaghmel diversi xogholijiet ta’ dawl, plumbing, ecc. Meta xoghol kien qed isir b’hafna difetti, fis-26 ta’ Gunju 2001 tnejn mill-haddiema uzaw vjolenza fizika fuqha u b’vendikazzjoni bdew jaqilghu x-xoghlijiet illi kienu ghamlu, minflok irrangawhom. Imbaghad hija kellha tqabbad Engineer/Surveyor biex jikkonstata l-hsarat u biex dawn jigu rrangati, u naturalment hija kellha tonfoq ammont sostanzjali. Hemm kollox dokumentat.

2. Naturalment, f’dawn ic-cirkostanzi m’ghandha tigi tenuta thallas xejn lill-attur, ghaliex, minhabba l-haddiema vjolenti tieghu, hija sofriet danni finanzjarji li jridu jigu likwidati u hija trid tigi indennizzata. Ghalhekk hija qed tipprezenta kontra-talba.

Sema’ x-xhieda w ezamina d-dokumenti.

Ikkunsidra.

Illi l-konvenuta rrifjutat li thallas lill-attur il-bilanc ta’ xoghol maghmul u materjal provdut minnha nkarigat skond ftehim datat 04 ta’ Jannar 2001 (Dok EV1) a Fol. 10 tal-process u dana a bazi ta’ relazzjoni tal-Ing. J. Muscat datat 13 ta’ Settembru 2001 (Dok TAI Fol. 11-15) u iehor datat 26 ta’ Settembru (a Fol. 49 sa 50).

Illi fir-risposta taghha, l-konvenuta allegat li kellha tonfoq ammont sostanzjali sabiex tirrangja l-istess hsarat u difetti, kif ukoll li minhabba l-allegat vjolenza tal-istess

attur soffriet danni finanzjarji.  Kellha tipprezenta kontro-talba biex issostni l-istess.

Illi pero` mill-atti ma jirrizultax li saret din il-kontro-talba (konfermata fin-nota ta' eccezzjonijiet taghha a Fol. 78 – (sitt (6) paragrafu) fil-waqt li fix-xhieda taghha moghtija minnha fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2002, l-ewwel xehdet li ma ghamel l-ebda xoghol iehor (Fol 68 – sitt (6) paragrafu u fis-seba' (7) paragrafu obbligat ruhha li tipprezenta l-kontijiet u tesibixxi r-ricevuti.

Dawn baqghu ma gewx esibiti.  Dwar din il-vertenza saret riferenza fl-istess sitt (6) paragrafu a Fol. 78 (nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuta) li ghamlet xi verbal fil-bidu nett tal-kawza dwar id-danni, li kellha tipprocedi ghalihom f'sede ohra.  Ex admissis, ma gabet l-ebda provi dwar dan u dan it-Tribunal ihalli l-kwistjoni inpregudikata.

Kif gja gie ritenut, il-gudikant huwa marbut bil-premessi tal-atti li jigu prezentati quddiemhu u l-provi li jingabu quddiemhu – fuq dawn tigi trattata u deciza l-kawza.

Illi l-konvenuta pproduciet lill Ing. J. Muscat bhala xhud 'ex parte' in sostenn tad-difiza taghha.  Huwa ghamel rapport tekniku li gie wkoll pero` kontrabattut mill-istess attur.  Gew rilevati punti teknici miz-zewg partijiet li minnhom jidher liz-zewg partijiet kienu jidhru li jafu dak li kienu qed jghidu.  Kif jista' t-Tribunal jiggudika fuq l-eccezzjonijiet tal-konvenuta meta fl-ewwel lok, ma saret l-ebda kontro-talba, fit-tieni lok ma ngabet l-ebda prova dwar l-allegati spejjes minnha nkorsi u danni lilha kagunti allegatament mill-attur.  L-istess inginier lanqas ma gie mitlub mill-konvenuta sabiex jaghti ndikazzjoni f'termini finanzjarji u x'jiswew dak minnu riferit bhala xoghol li ma sarx kif suppost.

Rinfaccjat b'din is-sitwazzjoni ta' inabilita biex jikkonsidera l-pretensjoni taghha fuq nuqqas volut u dikjarat ta' prova, it-Tribunal ma jistax ma jakkoljiex it-talbiet attrici.

Jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici, jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-

somma ta’ tmien mija u erbgha u erbghin Lira Maltin (Lm844).

Bl-ispejjez skond il-ligi u bl-interessi mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.”

Il-konvenuta appellat minn din is-sentenza, li taghha qed titlob ir-revoka, bl-aggravju illi t-Tribunal mar b’mod gravi kontra d-dettami ta’ l-imparzjalita` u l-ekwita` skond il-ligi u dik l-azzjoni ippregudikat il-jeddijiet taghha.

L-appellanti tissottometti li t-Tribunal flok ma ha konjizzjoni xierqa tal-eccezzjoni taghha, li x-xoghol ma sarx kif titlob is-sengha u l-arti, minnha provata u sostenuta permezz ta’ espert tekniku kwalifikat, ghazel li jiddetermina l-kwestjoni sempliciment fuq l-assunt minnu stess postulat illi l-appellanti ma ressqetx provi dwar il-quantum tad-danni.

Ghal dan l-aggravju l-attur appellat wiegeb illi t-Tribunal agixxa b’mod ekwu u mparzjali u li konsegwentement l-appell mis-sentenza ma jistax hlief jitqies bhala tentattiv da parte tal-appellanti biex jerga’ jkollha opportunita` biex jergghu jigu ri-apprezzati l-provi.  Huwa jinsisti ghalhekk illi dan l-appell ghandu jigi respint.

Huwa ovvju mill-kontenut tal-aggravju illi l-appellanti qed tinkwadrah fis-subinciz 2(d) ta’ l-Artikolu 8 ta’ l-Att Numru V ta’ l-1995 li jipprovdi proprju d-dritt ta’ l-appell meta t-Tribunal ikun b’mod gravi mar kontra d-dettami ta’ imparzjalita` u ta’ ekwita` skond il-ligi, u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta’ min jappella.

Huwa car minn dan illi biex tqis ammissibbli l-appell din il-Qorti jehtiegilha tiddetermina jekk l-aggravju kienx jikkontesta l-gudizzju tat-Tribunal mil-lat <u>ekwitattiv</u>, u minn dan biss.  Dan ghaliex fil-fehma tal-Qorti minn ezami tas-sentenza appellata u mill-atti processwali ma ssib xejn ta’ sustanza li jista’ remotament jivvizja l-gudizzju tat-Tribunal mil-lat ta’ mparzjalita`.

Mill-qari ta’ l-aggravju l-Qorti tifhem illi l-lanjanza principali tal-konvenuta appellanti tikkonsisti fil-fatt illi t-Tribunal ma

kellux jinjora l-prova tad-difetti emersa mir-rizultanzi istruttorji u l-incidenza taghhom fuq il-pretiza tal-attur appellat ghall-hlas. F'dan il-kuntest l-appellanti tirrikjama l-attenzjoni ghal kostatazzjoni pacifika stabbilita mill-gurisprudenza illi fejn jirrizulta li d-difetti huma sostanzjali u jaffettwa l-kwazi generalita` tax-xoghol intraprez mill-attur dan ma kellux dritt ghal hlas qabel ma jigu riparati d-difetti u/jew issir riduzzjoni fil-prezz. B'dan il-Qorti tifhem li l-konvenuta appellanti qed topponi d-domanda ghal hlas bl-“exceptio non rite adempleti contractus”.

Issa hu veru li din l-eccezzjoni ma gietx espressa bil-mod fuq koncepit u li, anzi, l-appellanti tat x'wiehed jifhem li hi kienet diga` sewwiet u erogat spejjes ghal tali tiswija. B'danakollu, gie ccarat fil-kors tal-proceduri, kif ukoll fix-xhieda tal-istess konvenuta appellanti illi hi ma kienet ghamlet l-ebda xoghol u kienet qed tistenna li l-attur jirriparalha (fol 68).

Kif inhu maghruf, l-azzjoni ma tigix desunta mill-kliem, piu` o meno ezatti, tal-att istituttiv tal-gudizzju, imma mill-iskop li ghalih huwa ntiz il-gudizzju (**Kollez. Vol. XXXIV pIII p746**). Hekk ukoll l-indoli tal-eccezzjoni ma tiddependiex mill-kliem uzati imma mill-portata taghhom (“**Francis Spiteri noe –vs- Emanuele Cassar**”, Appell Civili, 14 ta' Marzu 1975).

Huwa desumibbli ghalhekk mill-eccezzjoni moghtija illi l-konvenuta kienet qed tirrezisti t-talba ghall-hlas ghal motiv minnha dedott illi x-xogholijiet ma gewx ezegwiti sew.

Premessi dawn il-konsiderazzjonijiet hu l-kompitu ta' din il-Qorti li tezamina jekk fil-kaz in ispecje t-Tribunal iddeterminax il-kontroversja “principalment skond l-ekwita`” (Art 7 (1) tal-Kap. 380). Fuq kollox, jekk l-apprezzament tieghu mil-lat ta' ekwita` giex sewwa mizurat u ibbazat ukoll fuq konsiderazzjonijiet ta' dritt. Dan qed jigi sottolinejat in kwantu, kif drabi ohra rilevat, “it-Tribunal ma kellu l-ebda dritt, anke jekk abbazi ta' l-ekwita`, li jissorvola kompletament l-applikazzjoni tal-ligi ghall-mertu.” (“**Blye Engineering Company Limited –vs- Vincent Caruana**”, Appell, 27 ta' Ottubru 2000). Jekk

jirrizultalha li hekk sar anke f'dan il-kaz allura l-apprezzament tat-Tribunal ma jistax jissotraji ruhu ghall-kontroll ta' din il-Qorti u tas-sindikar minnha tal-gudizzju.

M'ghandux ikun dubitat jew kontrovers illi biex il-valutazzjoni ekwitattiva tigi sew applikata jokkorri li wiehed jadotta l-mudell konswet tal-missier tajjeb tal-familja fil-konsiderazzjoni tac-cirkostanzi u tal-fatti maghrufa, pervenuti fil-process, u janalizzahom skond il-kriterji tad-diligenza komuni. Dan necessarjament ifisser gudizzju li jaghti debita konsiderazzjoni lil kwadru shih tal-vertenza. F'sens konkret ifisser ukoll ezercizzju tal-konsiderazzjoni tal-kuntratt, l-aspett tal-buona fede bhala element integrattiv tal-kuntratt innifsu, l-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet pattwiti, l-allegazzjoni li dawn l-istess xoghlijiet ma sarux kif titlob l-arti u s-sengha, u konsiderazzjonijiet ohra rilevanti u konkomitanti bhal, per ezempju l-verifiki teknici ta' l-istess xoghlijiet.

Hi l-opinjoni ta' din il-Qorti illi f'dan il-kaz id-decizjoni tat-Tribunal ma hijiex ritwalment skond il-kriterju prefiss mil-legislatur u r-raguni tal-ligi li tiddixxiplina l-mekkanizmu li kellu jigi adoperat. L-ekwita` kellha tinduci lit-Tribunal jakkorda b'affidament aktar konsiderazzjoni xierqa lill-aspett tekniku tad-difetti anke jekk il-konstatazzjoni dwarhom saret minn espert 'ex parte'. Huwa veru illi dawn l-accertamenti teknici gew ribattuti mill-attur appellat izda t-Tribunal waqaf f'din il-konstatazzjoni u ma gab l-ebda argoment il-ghala l-opinjoni tal-espert lilu sottomessa kienet priva mill-konsiderazzjoni tal-aspett tekniku tal-materja, jew ghaliex hass li kellha tigi skartata jew newtralizzata.

Issa anke kieku l-materja kellha tigi rigwardata mill-perspettiva adotta mit-Tribunal illi l-appellanti baqghet ma gabetx provi dwar il-kwantum tad-danni, l-mekkanizmu tal-ekwita` kien certament jiskatta maggorment f'dan il-kuntest. Dan ghaliex, una volta ngiebu l-elementi probatorji dwar l-ezistenza tad-difetti, l-gudizzju ta' l-ekwita` hu ntiz proprju biex jimla l-lakuna tan-nuqqas tal-prova dwar l-ammont tad-danni fir-rigward ta' dawn l-istess difetti. A propozitu jinsab ritenut fis-sentenza

riportata a **Vol XXXV pIII p615** illi "fin-nuqqas ta' mezzi probatorji tal-ammont tad-danni dan l-ammont jigi ffissat 'ex aequo et bono' mill-gudikant".

Dan premess, il-Qorti ssib li l-ezercizzju li sar mit-Tribunal ma kienx konformi ghall-principju ta' l-ekwita`; anzi kien pjuttost inikwu u zbaljat. L-inikwita` tohrog mir-rizultat finali tad-determinazzjoni tal-vertenza li certament jippregudika lill-appellant. Dan, s'intendi, oltre l-valutazzjoni tal-procediment. L-izball jikkonsisti fl-utilizzazzjoni ta' elementi inefficcjenti u nkorretti ghall-iskop tad-determinazzjoni gudizzjali. Dan anke meta jittiehed rigward tal-principji tad-dritt zviluppati fil-gurisprudenza taghna.

In vista ta' din il-konkluzjoni li ssib lezjoni tad-dritt ekwitattiv li ppregudika l-jeddijiet tal-konvenuta, l-appell jimmerita li jkun sostnut. Ghalhekk il-Qorti ser tghaddi biex tipprovdi fit-termini ta' dak mahsub fl-Artikolu 8.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti qed tilqa' l-appell u tiddikjara d-decizjoni appellata nulla u bla effett fil-ligi. Tiddiferixxi l-kawza ghat-23 ta' Gunju, 2004 biex tinstema` skond il-ligi kif preskritt fl-Att V ta' l-1995.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------